

Brussell, 14 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14480/24

ENV 997
CLIMA 356

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	14 ta' Ottubru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14357/24 + COR 1	
Suġġett:	Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB): • Tħejjija tas-Sittax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 16) għall-KDB • Tħejjija tal-Idax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà (COP-MOP 11) • Tħejjija tal-Idax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom (COP-MOP 5) (Cali, il-Kolombja, 21 ta' Ottubru – 1 ta' Novembru 2024) = Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fl-4050 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Ottubru 2024.

KONVENZJONI DWAR ID-DIVERSITÀ BIJOLOĠIKA (KDB)

**Tħejjija tas-Sittax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet
(COP16) għall-KDB**

**Tħejjija tal-Idax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa
tal-Partijiet**

għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà (COP-MOP11)

**Tħejjija tal-Idax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa
tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar**

**l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu
tagħhom (COP-MOP5)**

(Cali, il-Kolombja, 21 ta' Ottubru - 1 ta' Novembru 2024)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

- Il-Popli Indigēni¹;
- L-Oċeani u l-Ibhra²;
- Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: insaħħu r-rabta bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent³;
- It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja⁴;

¹ Dokument 8814/17.

² Dokument 14249/19.

³ Dokument 14594/19.

⁴ Dokument 15151/19.

- Tħejjija tal-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)⁵;
- L-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt⁶;
- Il-bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urgenti⁷;
- Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku⁸;
- Strateġija tal-Unjoni dwar Sustanzi Kimiċi Sostenibbli: Żmien ta' Azzjoni⁹;
- Il-prijoritajiet tal-UE għas-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021¹⁰;
- L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030¹¹;
- Id-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima: naċċelleraw l-implimentazzjoni tal-eżiti ta' Glasgow¹²;
- Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB): Tħejjija tal-Ħmistax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP15) għall-KDB; Tħejjija tal-Għaxar laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà (COP-MOP10); Tħejjija tar-Raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom (COP-MOP4) (Montreal, il-Kanada, 7-19 ta' Diċembru 2022)¹³;
- Il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC): Tħejjijiet għat-28 Konferenza tal-Partijiet (COP28) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Dubai, 30 ta' Novembru – 12 ta' Diċembru 2023)¹⁴;
- Opportunitajiet tal-bijoekonomija fid-dawl tal-isfidi attwali b'enfasi speċjali fuq iż-żoni rurali¹⁵;
- Diplomazija Ekoloġika tal-UE¹⁶

⁵ Dokument 15272/19 + COR 1.

⁶ Dokument 12099/20.

⁷ Dokument 12210/20.

⁸ Dokument 13852/20.

⁹ Dokument 6941/21.

¹⁰ Dokument 9335/21.

¹¹ Dokument 13537/21.

¹² Dokument 6120/22.

¹³ Dokument 13975/22.

¹⁴ Dokument 14285/23.

¹⁵ Dokument 8406/23.

¹⁶ Dokument 7865/24.

- Rieżami ta' nofs it-terminu tat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali – It-triq 'il quddiem lejn tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u inklużiva għal Ewropa sostenibbli¹⁷.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li t-tkomplija tat-telf tal-bijodiversità hija theddida globali u eżistenzjali għall-umanità, u LI JENFASIZZA l-ħtieġa għal bidla trasformattiva biex tiġi indirizzata din l-isfida;

FILWAQT LI JINSAB FERM IMĦASSEB dwar il-gravità u l-urġenza li jirriżultaw mill-kriżijiet globali interdipendenti tat-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ekosistema, tal-art, tal-ilma u tal-oċeani, it-tibdil fil-klima u t-tniġġis, kif ukoll dwar il-konsegwenzi tat-telf li għaddej tal-bijodiversità għall-forniment ta' servizzi tal-ekosistema u l-benesseri tal-bniedem;

FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa urġenti għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-KDB u l-Protokolli tagħha;

FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenji li saru fil-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal (Qafas Globali tal-Bijodiversità), li jistabbilixxi għanijiet u miri ambizzjużi għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u jipprovdi pjan direzzjonali komprensiv biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità sal-2030 biex in-natura titqiegħed fit-triq lejn l-irkupru għall-benefiċċju tal-popli u tal-pjaneta, JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Partijiet kollha, gvernijiet oħra u l-partijiet ikkonċernati jsaħħu l-azzjonijiet tagħhom fil-livelli globali, reġjonali, nazzjonali u sottonazzjonali biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità;

FILWAQT LI JTENNI l-impenn tal-Unjoni Ewropea, li sar ukoll mill-Istati Membri tagħha, biex timplimenta l-Qafas Globali tal-Bijodiversità u biex tindirizza b'mod urġenti u effettiv il-fatturi ewlenin diretti u indiretti tat-telf tal-bijodiversità, li għalihom l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' Strateġiji u Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità (NBSAPs) aġġornati jew riveduti u strumenti rilevanti oħra huma ta' importanza kruċjali;

JENFASIZZA li r-Regolament (UE) 2024/1991 dwar ir-Restawr tan-Natura, li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Awwissu 2024, huwa kontribut kritiku tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità u pass importanti lejn it-treggħigh lura tat-telf tan-natura u ż-żieda tar-reżiljenza tal-Ewropa għall-effetti tat-tibdil fil-klima;

¹⁷ Dokument 11326/24.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li s-soċjetà kollha kif ukoll l-ekonomija huma dipendenti ħafna fuq il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema u għandhom ir-responsabbiltà li jwettqu l-Viżjoni u l-Missjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-interdipendenza bejn it-telf tal-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis u d-degradazzjoni tal-art; JAFFERMA l-impenn tiegħu li jindirizza dawn l-emerġenzi b'mod komprensiv, integrat u koerenti li jinkludi strateġiji ta' benefiċċju reċiproku, b'salvagwardji soċjali u ambjentali b'saħħithom, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura; JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi indirizzata r-rabta bejn il-bijodiversità, il-klima, l-art, l-ilma u l-oċean, l-ikel, is-saħħa b'mod b'saħħtu, effettiv u olistiku; JENFASIZZA l-ħtieġa ta' approċċ koerenti għall-fatturi ewlenin multipli interkonnessi tat-telf tal-bijodiversità sabiex jiġu evitati jew minimizzati l-kompromessi li jistgħu jkunu kontroproduktivi għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità;

KONXJU MILL-fatt li s-16-il Konferenza tal-Partijiet għall-KDB, id-29 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u s-16-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD) qed isiru wara xulxin, li jipprovdi opportunità unika għall-Konvenzjonijiet ta' Rio biex jappoġġaw b'mod reċiproku lil xulxin kif ukoll isaħħu l-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità, l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha;

FILWAQT LI JILQA' l-ambizzjoni tal-Kolombja li tiżgura li l-COP16 tkun "COP għan-nies"; u FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-ekwità u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma ċentrali għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità;

JISSOTTOLINJA li għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, it-terminoloġija "Popli Indiġeni u komunitajiet lokali" hija applikata mingħajr preġudizzju għall-kontinwazzjoni tal-użu fid-dokumenti tal-KDB tat-terminoloġija maqbula li tinsab fid-Deċiżjoni XII/12 tal-COP għall-KDB, sakemm isiru n-negozjati dwar din il-kwistjoni;

KAPITOLU I – IL-KONVENZJONI DWAR ID-DIVERSITÀ BIJOLOĠIKA

Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal

1. JILQA' l-approċċ multidimensjonali msaħħaħ għall-ippjanar, il-monitoraġġ, ir-rapportar u r-rieżami, tad-Deċiżjoni 15/6 tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità u tal-COP; HUWA IMPENJAT li jadotta fil-COP16 proċess sod, effiċjenti, trasparenti u ċar għar-rieżami globali tal-progress kollettiv fl-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità sabiex tissaħħaħ l-implimentazzjoni u jiġu iċċentivati impenji addizzjonali;
2. HUWA IMPENJAT UKOLL li jadotta l-aġġornamenti għall-qafas ta' monitoraġġ biex ikun jista' jitkejjel il-progress lejn il-kisba tal-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità; IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet kollha jużaw il-qafas ta' monitoraġġ, b'mod partikolari l-indikaturi ewlenin u binarji fis-seba' u t-tmien rapport nazzjonali; u JISTIENEN lill-partijiet ikkonċernati u l-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali rilevanti jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità billi jużaw il-qafas ta' monitoraġġ fir-rapportar tagħhom;
3. JENFASIZZA li l-Qafas Globali tal-Bijodiversità għandu jintuża biex jallinja, jipprijorizza u jidderieġi aħjar il-ħidma tad-diversi korpi tal-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha, is-Segretarjat u l-baġit tagħha b'mod effiċjenti;

L-integrazzjoni tal-bijodiversità fis-setturi nfushom u mas-setturi kollha

4. ITENNI l-importanza kritika tal-integrazzjoni tal-bijodiversità fil-livelli kollha tal-gvern u tas-soċjetà u ma' daww il-livelli, u mal-politiki u s-setturi kollha, għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-oġġettivi tal-KDB u tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità; JAPPELLA għal ftehim fil-COP16 dwar l-organizzazzjoni tal-ħidma tal-KDB fuq l-integrazzjoni tal-bijodiversità sal-2030, inkluż skeda ta' żmien realistika iżda ambizzjuża b'elementi konkreti;
5. JILQA' l-Approċċ Komuni tan-NU għall-Bijodiversità bħala sforz koeżiv, sistematiku u kollaborattiv għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità billi tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-bijodiversità fis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u JISTIENEN lill-organizzazzjonijiet tan-NU jkomplu jimplimentaw b'mod attiv, fil-mandati rispettivi tagħhom, l-Approċċ Komuni għall-Bijodiversità;

It-tisħiħ u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, u l-kooperazzjoni teknika u xjentifika

6. JAPPOĠĠA d-deċiżjoni dwar l-għażla taċ-ċentri ta' appoġġ reġjonali u subreġjonali għall-kooperazzjoni teknika u xjentifika, bħala għodod ewlenin biex il-Partijiet u l-organizzazzjonijiet rilevanti, is-settur privat, in-nisa, iż-żgħażaġh, il-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali, u partijiet ikkonċernati oħra jkunu jistgħu jużaw b'mod effettiv l-għarfien xjentifiku, it-teknoloġija u l-innovazzjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità;
7. JAPPELLA għal deċiżjoni dwar l-ospitant tal-entità ta' koordinazzjoni globali tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni teknika u xjentifika; u JENFASIZZA li hija meħtieġa kapaċità adegwata għall-funzjonament tajjeb tagħha bl-assistenza tas-Servizz Globali ta' Appoġġ għall-Għarfien għall-Bijodiversità, u interazzjoni sinifikattiva maċ-ċentri ta' appoġġ reġjonali u subreġjonali għall-kooperazzjoni teknika u xjentifika dwar aspetti tekniċi;
8. JENFASIZZA r-rwol u l-importanza ta' bażi ta' evidenza soda għat-tfassil tal-politika, magħmula kemm minn għarfien xjentifiku kif ukoll tradizzjonali u JISSOTTOLINJA l-importanza tar-risultati tanġibbli tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES) u l-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC); u JAPPELLA għal aktar tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn l-IPBES u l-KDB; JILQA' n-negozjati li għaddejjin għat-tnejn tal-istabbiliment ta' bord tal-politika tax-xjenza biex jikkontribwixxi aktar għall-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart u biex jipprevjeni t-tniġġis skont ir-risoluzzjoni 5/8 tal-UNEA;

Ġestjoni tal-għarfien u l-Mekkaniżmu ta' Ċentru ta' Skambju

9. JAPPOĠĠA l-adozzjoni tal-Istrateġija għall-Ġestjoni tal-Għarfien biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità u l-monitoraġġ tal-impatt tal-attivitajiet fuq il-bijodiversità;
10. JILQA' l-programm ta' ħidma għall-Mekkaniżmu ta' Ċentru ta' Skambju u b'mod partikolari r-rwol taċ-ċentri ta' skambju nazzjonali fl-appoġġ għall-Partijiet u l-partijiet ikkonċernati bil-kondiviżjoni tal-esperjenzi, l-aħjar prattiki u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni teknika u xjentifika;

Kooperazzjoni ma' Konvenzjonijiet u organizzazzjonijiet oħrajn

11. HUWA IMPENJAT B'MOD QAWWI li jindirizza t-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ekosistemi, tal-art, tal-ilma u tal-oċeani, it-tibdil fil-klima u t-tniġġis b'mod effettiv u integrat u għalhekk JAPPELLA għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u msaħħa u t-tisħiħ tas-sinerġiji fost it-tliet Konvenzjonijiet ta' Rio u ftehimiet u inizzjattivi multilaterali oħrajn fil-livelli kollha, inizzjattivi u proċessi internazzjonali oħra rilevanti tan-NU, bħal permezz tal-Proċess ta' Bern, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti, fosthom istituzzjonijiet finanzjarji;
12. JAPPELLA għal kollaborazzjoni mtejbja fost il-KDB, il-UNFCCC, u l-UNCCD fil-livelli kollha għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità, u l-Ftehim ta' Pariġi, rispettivament, kif ukoll il-Programm għall-Istabbiliment ta' Miri ta' Newtralità fir-rigward tad-Degradazzjoni tal-Art, fost oħrajn permezz ta' użu aħjar tal-Grupp ta' Kollegament Konġunt tal-Konvenzjonijiet ta' Rio, permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn il-COPs tagħhom fl-2024 u lil hinn, anke bil-ħsieb li jiġi esplorat il-potenzjal għal ħidma konġunta bejn il-Konvenzjonijiet, u permezz ta' aktar kollaborazzjoni fil-livell nazzjonali, speċjalment fl-iżvilupp, ir-reviżjoni u l-implimentazzjoni tal-NBSAPs, il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali, u l-Pjanijiet ta' Adattament Nazzjonali, il-Programmi ta' Azzjoni Nazzjonali, il-Miri Nazzjonali Volontarji ta' Newtralità fir-rigward tad-Degradazzjoni tal-Art u l-Pjanijiet Nazzjonali għan-Nixfa;
13. IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet iħaffu u jżidu l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet imsejsa fuq in-natura kif definiti mir-risoluzzjoni nru 5 tal-ħames sessjoni tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent;
14. JILQA' d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-COP28 dwar il-Klima, in-Natura u l-Popli mill-Presidenza tal-COP28 tal-UNFCCC u d-deċiżjoni tar-Rendikont Globali li tenfasizza l-ħarsien tal-ekosistemi tal-art u tal-baħar li jaġixxu bħala bjar u riżervi ta' gassijiet serra bil-konservazzjoni tal-bijodiversità, inkluż billi titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti sal-2030;
15. JINKORAĠĠIXXI li tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-IPBES u l-IPCC matul is-seba' perjodu ta' valutazzjoni kif mitlub fl-IPBES10, kif ukoll l-attivitajiet relatati mal-istabbiliment tal-bord tal-politika tax-xjenza dwar is-sustanzi kimiċi, l-iskart u biex jiġi miġġieled it-tniġġis;

Informazzjoni b'sekwenza diġitali dwar ir-riżorsi ġenetiċi (DSI)

16. JISĦAQ FUQ l-importanza tal-kriterji u l-prinċipji li jinsabu fid-Deċiżjoni 15/9 tal-COP u JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rieda tiegħu li jagħti kontribut għall-identifikazzjoni u l-adozzjoni, fil-COP 16, tal-modalitajiet operattivi tal-mekkaniżmu multilaterali għall-qsim ta' benefiċċji mill-użu tad-DSI dwar ir-riżorsi ġenetiċi, inkluż fond globali; JISĦAQ li kwalunkwe soluzzjoni trid tippreserva l-aċċess miftuħ għad-DSI u tevita t-traċċar u r-rintraċċar tas-sekwenzi tad-DSI, filwaqt li tkun għalkollox konformi mal-kriterji stabbiliti fid-deċiżjoni 15/9 tal-COP;
17. JENFASIZZA WKOLL li l-modalitajiet biex il-mekkaniżmu multilaterali għall-qsim ta' benefiċċji mill-użu tad-DSI jibda jopera għandhom ikunu adattabbli għal strumenti oħra ta' aċċess u ta' qsim ta' benefiċċji u jappoġġawhom b'mod reċiproku;
18. JISSOTTOLINJA li l-fond globali għad-DSI għandu jistrieħ primarjament fuq kontribuzzjonijiet diretti mis-settur privat mill-pajjiżi kollha; u JTENNI l-preferenza tiegħu li tiġi evitata proliferazzjoni ta' fondi u li jiġu minimizzati l-kostijiet tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni;
19. JISĦAQ fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-mekkaniżmu multilaterali għall-qsim ta' benefiċċji mill-użu tad-DSI jipprovdi ċertezza u ċarezza legali għall-fornituri u l-utenti kollha tad-DSI u joħloq kundizzjonijiet ekwi għall-utenti kollha;
20. JISĦAQ li l-Partijiet u l-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali kollha fil-pajjiżi kollha għandhom ikunu eliġibbli biex jirċievu finanzjament u JISSOTTOLINJA li l-iżborż tal-benefiċċji monetarji għandu jappoġġa l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità, ikun prevedibbli u jkun imsejjes fuq għadd ta' kriterji ponderati;
21. JIBQA' lest li jikkunsidra u jivvaluta l-possibbiltà li l-Partijiet jestendu volontarjament il-mekkaniżmu multilaterali għar-riżorsi ġenetiċi fil-futur, filwaqt li l-enfasi tal-COP 16 għandha tibqa' fuq id-DSI; JISĦAQ li f'dak il-kuntest, huwa importanti li jiġi żgurat li l-mekkaniżmu multilaterali jistabbilixxi żborż sinifikattiv, ġust u prevedibbli tal-fondi għall-Partijiet kollha, imsejjes fuq il-prinċipju li l-Partijiet kollha huma fornituri u utenti tar-riżorsi ġenetiċi;

Mobilizzazzjoni tar-riżorsi u l-mekkaniżmu finanzjarju

22. ITENNI l-impenn tiegħu li jimmobilizza riżorsi mis-sorsi kollha, u li progressivament jallinja l-flussi finanzjarji u fiskali rilevanti kollha mal-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità;
23. JAPPOĠĠA r-rwol tal-Fond għall-Ambjent Dinji (GEF) bħala l-mekkaniżmu finanzjarju tal-Konvenzjoni kif ukoll il-Fond tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità u JILQA' r-riżultati intermedji tal-GEF li, billi diġà laħaq 69 % tal-mira tiegħu ta' finanzjament għall-bijodiversità, jagħti kontribut għall-provvediment u l-mobilizzazzjoni b'suċċess ta' riżorsi finanzjarji sinifikanti għall-KDB u għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità;
24. JILQA' l-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni rapida tal-Fond tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet li saru għalih, u JINKORAĠĠIXXI aktar kontribuzzjonijiet mis-sorsi kollha sabiex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità; JINNOTA li l-ħidma mwettqa s'issa ma identifikatx elementi li jappoġġaw il-ħtieġa għal strument globali dedikat għall-finanzjament għall-bijodiversità barra mill-istrutturi ta' finanzjament eżistenti;
25. JENFASIZZA li l-isforzi għandhom jiffukaw fuq l-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità, inkluż l-għanijiet u l-miri tiegħu b'rabta mal-mobilizzazzjoni tar-riżorsi, u fuq il-ħidma bl-istrutturi ta' finanzjament eżistenti u l-ottimizzazzjoni tagħhom;
26. JINKORAĠĠIXXI lill-GEF ikompli jtejjeb l-effettività, l-effiċjenza u t-trasparenza tal-provvediment tar-riżorsi, juża l-finanzjament privat, jippromwovi l-finanzjament imħallat, u jimplimenta strateġiji biex jinġabru riżorsi ġodda u addizzjonali;
27. JILQA' wkoll ix-xejriet pożittivi, kif iddikjarati fl-aktar rapporti reċenti tal-OECD għall-istatistika dwar il-finanzjament għall-bijodiversità fl-2022, li ġew identifikati fir-riżorsi finanzjarji internazzjonali totali relatati mal-bijodiversità għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li JINNOTA l-isfidi li fadal biex jingħalaq id-distakk fil-finanzjament għall-bijodiversità; JAPPELLA lill-pajjiżi kollha li jinsabu f'pożizzjoni li jagħmlu dan biex jikkontribwixxu għall-finanzjament internazzjonali għall-bijodiversità, b'mod li jirrifletti n-natura dinamika u li qed tevolvi tal-kapaċitajiet rispettivi tagħhom, u JISTIEDEN lill-partijiet ikkonċernati, fosthom is-settur privat u dak finanzjarju, biex iżidu l-kontribuzzjoni tagħhom għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità u biex jallinjaw il-flussi finanzjarji tagħhom mal-Qafas Globali tal-Bijodiversità;

28. IFAKKAR fl-impenji finanzjarji li ħadet il-Kummissjoni Ewropea li tirdoppja l-finanzjament estern għall-bijodiversità, b'mod partikolari għall-pajjiżi l-aktar vulnerabbli, u l-impenji finanzjarji ta' għadd ta' Stati Membri tal-UE; JISSOTTOLINJA li l-UE u l-Istati Membri tagħha flimkien huma bil-bosta l-akbar fornituri ta' Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp relatata mal-bijodiversità madwar id-dinja;
29. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu esplorati modi biex jiġihaffef il-finanzjament internazzjonali għall-bijodiversità; HUWA IMPENJAT li jkompli jagħmel progress fuq l-approċċi ewlenin għall-finanzjament internazzjonali tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità fit-triq lejn il-COP17 u jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proposti konkreti għall-pożizzjonijiet tal-UE dwar din il-kwistjoni;
30. JISĦAQ fuq l-importanza ta' approċċ ta' gvern sħiħ u min-naħa tas-soċjetà kollha, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' kundizzjonijiet u ambjenti ta' investiment abilitanti biex l-azzjoni għall-bijodiversità tiġi integrata fil-politiki makroekonomiċi u fiskali, fosthom l-ibbaġitjar, l-investiment pubbliku, u l-proċessi ta' akkwist;
31. JAPPELLA biex tkompli l-implimentazzjoni tal-approċċi fil-livelli kollha u mill-atturi rilevanti kollha kemm pubbliċi kif ukoll privati biex jieħdu azzjoni għall-kisba tal-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità relatati mal-mobilizzazzjoni tar-riżorsi, u tal-istrateġija għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi għall-Qafas Globali tal-Bijodiversità; JISĦAQ fuq l-importanza li fil-COP16 tiġi adottata strateġija riveduta għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi;
32. JENFASIZZA l-effettività tal-mira għall-bijodiversità tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE għall-2021-2027 biex tinċentiva l-investimenti fil-bijodiversità;
33. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu identifikati u progressivament eliminati jew ridirezzjonati s-sussidji li jagħmlu ħsara lill-bijodiversità, billi nibdew mill-aktar sussidji li jagħmlu ħsara, u li jiżdiedu l-inċentivi u l-istrumenti ekonomiċi pożittivi;
34. JILQA' l-għadd dejjem jikber ta' Pjanijiet Nazzjonali ta' Finanzjament għall-Bijodiversità u strumenti simili u l-appoġġ finanzjarju tal-GEF u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tal-UE;
35. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu li jiżviluppa alleanzi b'saħħithom ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' finanzjament għall-bijodiversità, inkluż l-isforzi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għalihom;

Bijodiversità tal-Baħar u Kostali

36. IFAKKAR li r-risoluzzjoni 78/69 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tafferma mill-ġdid li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) tistipula l-qafas legali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha fl-oċean u fl-ibħra; JILQA' l-adozzjoni tal-Ftehim fil-qafas tal-UNCLOS fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli tal-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (Ftehim BBNJ) u JAPPELLA għar-ratifika tal-ftehim, qabel it-Tielet Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani biex jippermetti d-dħul fis-seħħ rapidu tiegħu bħala opportunità ewlenija biex titrawwem l-implimentazzjoni rapida tal-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità relatati mal-bijodiversità tal-baħar u kostali; JISĦAQ fuq l-importanza ta' kooperazzjoni u kollaborazzjoni futuri bejn il-KDB u l-Ftehim BBNJ biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni effettiva tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità, b'mod partikolari l-Mira nru 3 tiegħu;
37. JISĦAQ fuq l-importanza li jiġu adottati modalitajiet riveduti għall-modifika tad-deskrizzjonijiet ta' żoni tal-baħar ekoloġikament u bijoloġikament sinifikanti (EBSAs) u d-deskrizzjoni ta' żoni ġodda, biex jiġi żgurat li l-proċess tal-EBSA jkompli jipprovdi kontribut xjentifiku siewi għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità u l-Ftehim BBNJ; JISSOTTOLINJA li l-eżitu tal-proċess tal-EBSAs għandu jirrispetta b'mod sħiħ is-sovrani, id-drittijiet sovrani jew il-ġurisdizzjoni tal-istati kostali kif previst mill-UNCLOS;
38. JENFASIZZA WKOLL l-importanza li titkompla l-ħidma fuq il-programmi ta' ħidma għall-bijodiversità tal-baħar u kostali u l-bijodiversità tal-gżejjer, fost affarijiet oħra t-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' prijorità, b'mod partikolari dawk dwar l-iskollijiet tal-qroll b'referenza għall-iskulurizzazzjoni tal-massa li qed isseħħ bħalissa, u l-finalizzazzjoni tal-identifikazzjoni ta' lakuni u oqsma rilevanti li jeħtieġu attenzjoni addizzjonali fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità;

Kwistjonijiet oħra relatati mal-COP16

39. JAPPELLA WKOLL għal riżultati sinifikattivi tal-COP16 dwar kwistjonijiet tematiċi ewlenin oħra bħall-bijodiversità u s-saħħa, fosthom l-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni Globali dwar il-Bijodiversità u s-Saħħa f'konformità mal-Approċċ "Saħħa Waħda", il-bijodiversità u t-tibdil fil-klima, l-ispeċijiet aljeni invażivi, u l-konservazzjoni tal-pjanti;

Kwistjonijiet relatati mal-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali

40. JAGĦRAF ir-rwol u l-kontributi importanti tal-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali (IPLCs) bħala kustodji tal-bijodiversità u gwardjani ta' għarfien tradizzjonali, innovazzjonijiet u prattiki rilevanti għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika; huwa IMPENJAT li jappoġġa d-drittijiet, l-għarfien, u l-prattiki tagħhom permezz ta' approċċi inklużivi u parteċipattivi f'konformità mal-istrumenti internazzjonali, fosthom id-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP) u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;
41. JISĦAQ fuq l-importanza kritika li ssir ħidma għall-adozzjoni ta' programm ġdid ta' ħidma fuq l-Artikolu 8(j) u dispożizzjonijiet relatati u li tinstab soluzzjoni adegwata għal arranġamenti istituzzjonali futuri għal sehem sħiħ u effettiv tal-Popli Indiġeni u tal-komunitajiet lokali fil-proċessi tal-KDB; u JAPPOĠĠA l-istabbiliment ta' korp permanenti ġdid biex tiġi riflessa l-importanza politika u l-ħtieġa għall-kontinwità, sakemm ikun kosteffiċjenti u jwieġeb b'mod effettiv u effiċjenti għall-ħtiġijiet identifikati;
42. ITENNI l-appoġġ tiegħu għad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (Riżoluzzjoni 61/295 tal-AĠNU) u l-impenn tiegħu għall-kisba tal-miri mniżżlin fiha;
43. JIEĦU NOTA li r-rakkomandazzjonijiet mill-Forum Permanenti dwar Kwistjonijiet Indiġeni ser jiġu indirizzati fil-COP16; meta tiġi diskussa t-terminoloġija użata attwalment fil-kuntest tal-KDB, kif maqbul fid-deċiżjoni XII/12 tal-COP, jenfasizza li din għandha tiġi riveduta bil-ħsieb li ssir referenza għall-*Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali*, filwaqt li jinżammu l-integrità u l-oġġettivi tal-Konvenzjoni u mingħajr ma jitnaqqsu jew jixxejnu d-drittijiet li l-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali għandhom attwalment jew li jistgħu jiksbu fil-futur;

Bijoeconomija sostenibbli u ċirkolari

44. JAGĦRAF li l-bijoeconomija tiddependi ħafna minn ekosistemi b'saħħithom u reżiljenti, u li s-sinerġiji bejn il-bijoeconomija u l-bijodiversità għandhom jiġu promossi fl-iżvilupp u t-twettiq ta' bijoeconomija sostenibbli u ċirkolari;

Bijoloġija sintetika

45. JIKKONFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu għad-deċiżjoni 14/19 tal-COP dwar il-ħtieġa għal analiżi tal-prospettivi, monitoraġġ u valutazzjoni li jkunu wiesgħa u regolari tal-iżviluppi teknoloġiċi l-aktar reċenti fil-bijoloġija sintetika, JILQA' l-eżiti tal-proċess, u JAPPOĠĠA tkomplija effiċjenti tal-ħidma li tibni fuq l-esperjenza tal-imgħoddi, b'enfasi fuq l-impatti pożittivi potenzjali u dawk negattivi potenzjali b'rabta mat-tliet objettivi tal-Konvenzjoni, preferibbilment minn Grupp ta' Esperti Tekniċi Ad Hoc multidixxiplinari, filwaqt li JIRRIKONOXXI wkoll il-ħtieġa li jiġu promossi t-tisħiħ u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, l-aċċess għat-teknoloġija u t-trasferiment tagħha fuq termini maqbula b'mod reċiproku, u l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar il-bijoloġija sintetika;

KAPITOLU II - PROTOKOLL TA' CARTAGENA DWAR IL-BIJOSIGURTÀ

46. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà u l-Protokoll Supplimentari ta' Nagoya-Kuala Lumpur dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri rilevanti tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità, JENFASIZZA l-ħtieġa għal implimentazzjoni sħiħa tal-Protokoll billi jissaħħu l-oqfsa nazzjonali tal-bijosigurtà, jiġu adottati proċeduri robusti bbażati fuq ix-xjenza ta' valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju, jiżdiedu t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-appoġġ tekniku bl-użu taċ-Ċentru ta' Skambju dwar il-Bijosigurtà għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni, u jiġu promossi s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-involvement tal-partijiet ikkonċernati;
47. ITENNI li l-kapaċità li jinstabu u jiġu identifikati organiżmi haġjin modifikati hija element importanti fl-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà u JINKORAĠĠIXXI lill-Partijiet jikkondividu pubblikazzjonijiet ta' referenza, metodi ta' sejbien u materjali ta' taħriġ fiċ-Ċentru ta' Skambju dwar il-Bijosigurtà;
48. JINNOTA r-rakkomandazzjonijiet u t-tħassib imqajjem mill-membri tal-Kumitat ta' Konformità skont il-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà fir-rapport tad-dsatax-il laqgħa tiegħu, u JAGĦRAF il-ħtieġa li jkomplu jiġu kkunsidrati;
49. JILQA' x-xogħol tal-Grupp ta' Esperti Tekniċi Ad Hoc dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju u l-Ġestjoni tar-Riskju fuq il-materjali ta' gwida volontarij addizzjonali biex tiġi appoġġata l-valutazzjoni tar-riskju skont il-każ ta' organiżmi modifikati haġjin li fihom gene drives manipulati; u JISĦAQ fuq l-importanza tal-użu tiegħu u l-valutazzjoni tal-applikabbiltà u l-utilità tiegħu;

50. ITENNI l-importanza tal-approċċ prekawzjonarju kif jinsab fil-Prinċipju 15 tad-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp u l-valutazzjoni tar-riskju ambjentali bbażata fuq ix-xjenza f'deċiżjonijiet relatati ma' organiżmi modifikati ħajjin, JESPRIMI l-appoġġ tiegħu għat-tkompliġa tal-proċess strutturat u mmexxi mill-Partijiet biex jiġu identifikati u prijoritizzati kwistjonijiet speċifiċi ta' valutazzjoni tar-riskju li jistgħu jitolbu kunsiderazzjoni, u JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar materjali ta' gwida volontarji dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' dawn il-kwistjonijiet speċifiċi identifikati;

KAPITOLU III - PROTOKOLL TA' NAGOYA DWAR L-AĊĊESS U L-QSIM TA' BENEFIĊĊJI

51. JISSOTTOLINJA l-importanza li l-Protokoll ta' Nagoya jiġi implimentat b'mod sħiħ biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tar-riżorsi ġenetiċi jinqasmu b'mod ġust u ekwu, u b'hekk jingħata kontribut għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità;
52. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Partijiet kollha jsaħħu l-miżuri legali, amministrattivi u politiċi tagħhom biex jiffaċilitaw l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u jiżguraw li l-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tagħhom jinqasmu b'mod ġust u ekwu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Nagoya;
53. JISĦAQ fuq l-importanza tas-sensibilizzazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fost il-partijiet ikkonċernati, inkluż il-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali, in-nisa u ż-żgħażaġħ, fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Protokoll ta' Nagoya, u huwa IMPENJAT li jadotta l-pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet għall-Protokoll ta' Nagoya.